**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 84**
**L-Erbgħa, 1 ta' Frar, 2023 fl-4:00 p.m.**

**ĊITAZZJONIJIET MILL-ENFORCEMENT OFFICERS TA' TRANSPORT MALTA**

**4249. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu ċitazzjonijiet mill-enforcement officers ta' Transport Malta (TM), sena b'sena mill-2020 sal-lum? Kemm ġew kontestati u kemm minnhom revokati?

21/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex iressaq din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 84
01/02/2023

**ĊITAZZJONIJIET MILL-PULIZIJA TAT-TRAFFIC**

**4250. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu ċitazzjonijiet mill-pulizija tat-traffic, sena b'sena mill-2020 sal-lum? Kemm ġew kontestati u kemm minnhom revokati?

21/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi d-dettalji dwar in-numru ta' taħrikiet ta' kontravenzjonijiet li nħarġu mill-Korp tal-Pulizija, sena b'sena mill-bidu tas-sena 2020 sal-aħħar tas-sena 2022, skont is-sistema elettronika sal-ewwel ta' Frar 2023, jinstabu fit-tabella riprodotta hawn taħt:

| Contraventions issued by Police between 1st Jan 2020 and 31st Dec 2022 split by Year of Issue showing the total contraventions - status as at 1st Feb 2023 | | | |
|---|---|---|---|
| | 2020 | 2021 | 2022 |
| Total Issued | 42,910 | 87,637 | 79,107 |
| | | | |
| Contested (via Petitions) | 3,199 | 7,610 | 6,844 |
| Petitions Accepted | 1,110 | 3,523 | 2,667 |
| Petitions Not Accepted | 2,017 | 3,981 | 3,703 |
| Accepted Partially | 70 | 105 | 60 |
| Pending Decision | 2 | 1 | 414 |
| | | | |
| Contested (At Tribunal) | 3488 | 5,340 | 2,795 |
| Not Guilty | 3,063 | 4,489 | 2,205 |
| Confrimed (Guilty) | 425 | 851 | 590 |

Seduta 84
01/02/2023

**WATER FOUNTAINS**

**4488. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Fid-dawl li l-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol fi Frar 2020 kien ħabbar li se jiġu installati water fountains fl-iskejjel tal-istat kollha, kemm dawk primarji kif ukoll sekondarji, biex inaqqsu mit-tagħbija tal-basktijiet tal-iskola tat-tfal, jista' l-Ministru jgħid fiex wasal dan il-proġett? Jista' jgħid kemm hemm skejjel li fihom ġew installati water fountains u kemm hemm skejjel li għad m'għandomx water fountains?

28/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox ġew installati 207 water dispenser fl-iskejjel primarji u sekondarji madwar Malta u Għawdex. Dan il-proċess ilu xhur implimentat u d-dispensers qed jintużaw b'mod regolari kemm mill-istudenti u kif ukoll mill-istaff. M'hemm l-ebda skola li m'għandiex water dispenser, anzi f'ċertu skejjel ġew installati iżjed minn waħda skond il-popolazzjoni li tospita l-binja.

Seduta 84
01/02/2023

**KONTRAVENZJONIJIET**

**4489. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kontravenzjoni ngħatat, u kemm minnhom ma tħallsux minħabba raġunijiet validi, u oħrajn li ma tħallsux bla ebda raġuni mill-2012 sal ġurnata li tiġi mwieġba din il-mistoqsija, maqsuma sena b'sena?

28/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex ikun aktar speċifiku fil-mistoqsija tiegħu.

Seduta 84
01/02/2023

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ LI JIRREĠISTRAW GĦAX-XOGĦOL**

**4490. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm persuni b'diżabilità li qed jirreġistraw għax-xogħol? Kemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel? X'inhi l-età tagħhom?

28/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 84
01/02/2023

**WARDENS TAL-AMBJENT - KONTRAVENZJONIJIET**

**4491. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm inħarġu kontravenzjonijiet minn wardens tal-ambjent mill-2021 sal-lum?

28/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li skont il-provvedimenti tar-Regolamenti msemmija, matul l-2021, l-uffiċjali tal-Awtorità ħarġu total ta' 304 multi amministrattivi f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Mis-sena 2022, minbarra l-multi amministrattivi bdew jinħarġu wkoll twissijiet lil dawk l-individwi li jinqabdu jiksru r-regolamenti fil-fatt għall-ewwel darba iżda mbagħad isegwu l-istruzzjonijiet li jagħtuhom l-uffiċjali. B'dan il-mod, fl-2022, inħarġu 510 twissijiet u 115-il multa amministrattiva, filwaqt li sas-16 ta' Jannar 2023 inħarġu 39 twissija.

Fil-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-uffiċjali li għandhom il-poter eżekuttiv li jinfurzaw, u allura anke joħorġu l-kontravenzjonijiet, jaqgħu taħt l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA).

Seduta 84
01/02/2023

**EDUKATURI LI JAGĦMLU MORNING TRANSPORT SUPERVISION DUTIES**

**5129. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il edukatur ġie approvat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni biex jagħmel Morning Transport Supervision duties f'kull skola statali?

11/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġew approvati 373 edukatur biex jgħamlu Evening Transport Supervision.

Seduta 84
01/02/2023

**EDUKATURI LI JAGĦMLU EVENING TRANSPORT SUPERVISION DUTIES**

**5130. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' jgħid kemm-il edukatur ġie approvat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni biex jagħmel Evening Transport Supervision f'kull skola statali?

11/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġew approvati 373 edukatur biex jgħamlu Evening Transport Supervision.

Seduta 84
01/02/2023

**SKEJJEL STATALI – STUDENTI LI JUŻAW IT-TRASPORT OFFRUT MILL-ISTAT B'XEJN**

**5131. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-popolazzjoni tal-istudenti f'kull skola statali u kemm minnhom imorru l-iskola bit-trasport offrut mill-istat b'xejn, maqsuma skola skola?

11/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 84
01/02/2023

**EDUKATURI LI APPLIKAW GĦAL MORNING U EVENING TRANSPORT SUPERVISION DUTIES**

**5132. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il edukatur applika biex jagħmel Morning u Evening Transport Supervision duties fil-bidu ta' din is-sena skolastika?

11/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-bidu ta' din is-sena skolastika, s'issa applikaw 1872 uffiċjal biex jgħamlu Morning u/jew Evening Transport Supervision.

Seduta 84
01/02/2023

**MORNING SUPERVISION POINTS**

**5133. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Fid-dawl li fl-iskola fejn sar l-abbuż sesswali fuq studenta, il-Ministeru għall-Edukazzjoni żied

tliet Morning Supervision points, jista' l-Ministru jgħid jekk dan ifissirx li l-Ministeru qiegħed jammetti li ma pprovdiex biżżejjed morning transport supervision points biex tkun koperta l-iskola kollha?

11/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 84
01/02/2023

**TALBA GĦAL MORNING U EVENING TRANSPORT SUPERVISION DUTIES**

**5134. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il skola talbet żieda addizzjonali għal Morning u Evening Transport Supervision points u kemm-il darba l-Ministeru ċaħad dawn it-talbiet?

11/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kien hemm 46 skola li għamlu talba għal superviżjoni addizzjonali. Minn dawn 5 biss ma ġewx milqugħha.

Seduta 84
01/02/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 8 - HEALTH AND WELLNESS**

**5245. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 8) kien li ser jinbeda proċess ta' 'health and wellness' biex kull membru fil-Korp ikollu s-sapport rigward issues ta' 'mental health', u b'hekk ikollna Korp b'saħħtu kemm fiżikament kif ukoll mentalment, jista' l-Ministru jgħid x'sar fuq dan? Kif qed jingħata dan is-suppost sapport?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3992.

Seduta 84
01/02/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 9 - KWALIFIKI U ENTRY CRITERIA**

**5246. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025,*fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 9) kien li fil-Malta Police Force (MPF) ser jibda proċess divers biex jitjiebu l-kwalifiki u "entry criteria" biex wieħed jidħol jaħdem fil-Korp u li l-għan huwa biex il-Korp ikollu nies li huma kompetenti u saħansitra accountable fid-diversi setturi fi ħdan il-MPF, jista' l-Ministru jgħid jekk dan il-proċess divers ta' 'entry requirements' bediex u jekk iva, f'liema gradi tad-dħul? U jekk kellu jsir hekk, allura għaliex fl-aħħar sejħa għar-rekluti ġodda tnaqqsu l-kwalifiki meħtieġa biex tapplika?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3993.

Seduta 84
01/02/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 9 - PROĊESS TA' CAREER PATHS**

**5247. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 9) kien li ser jinbeda proċess ta' "career path" biex kull membru fil-Korp ikollu opportunità indaqs biex jiġi promoss u anke jmur ġo diversi units biex isaħħaħ l-abbiltà tiegħu, jista' l-Ministru jgħid x'sar eżattament u b'mod konkret biex dan l-oġġettiv jintlaħaq?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3994.

Seduta 84
01/02/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 9 - SUPERVISORS**

**5248. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 9) kien li ser tinħoloq sistema fejn il-livell ta' sodisfazzjon ta' kull membru fil-Korp ikun imkejjel, jista' l-Ministru jgħid jekk din is-sistema bdietx titħaddem u jekk iva, f'liema areas il-membri huma l-iktar kuntenti u oħrajn inqas kuntenti?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3995.

Seduta 84
01/02/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 10 - LEADERS**

**5249. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 10) kien li ser jinbena programm biex ikunu stabbiliti "leaders", jista' l-Ministru jgħid jekk dan il-programm bediex u jekk iva, kif qed jiġu identifikati u stabbiliti dawn il-leaders?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3996.

Seduta 84
01/02/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 10 - FORUM BEJN IT-TOP MANAGEMENT U L-POLICE GOVERNANCE BOARD**

**5250. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025* fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 10) kien li ser jinħatar "forum" bejn it-top management u l-Police Governance Board rigward id-

direzzjoni u viżjoni ġdida fil-Malta Police Force (MPF), jista' l-Ministru jgħid jekk dan il-'forum' bediex jiltaqa' u jgħid jekk sarx xi tibdil fid-direzzjoni strateġika tal-MPF?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3997.

Seduta 84
01/02/2023

**MENTAL HEALTH SERVICES – ALLOKAZZJONI TA' FLUS**

**5304. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex l-allokazzjoni li kien wiegħed fl-2018, dik ta' €30 miljun sal-2032, għall-Mental Health Services s'issa laħqet biss it-€18.5 miljun u kemm ser jiġi investit fis-sena d-dieħla biex ilaħħaq ma' din il-wegħda?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jippreċiza għal liema allokazzjoni sal-2032 qed jirreferi.

Seduta 84
01/02/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – NEFQA KAPITALI**

**5305. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex in-nefqa kapitali mwiegħda fl-2021, 2022 ma ntefqitx u x'sar minn dawn il-fondi?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jidentifika għal liema nefqa kapitali qiegħed jirreferi.

Seduta 84
01/02/2023

**SPTAR MOUNT CARMEL – NUQQAS TA' STAFF**

**5306. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx nuqqas ta' madwar 25% fl-istaff tal-Isptar Mount Carmel?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-numru tal-istaff allokat lis-servizzi tas-Saħħa Mentali kompla jiżdied kull sena, kemm dawk li huma impjegati mal-Gvern kif ukoll dawk li huma ingaġġati mal-Kuntrattur privat.

Seduta 84
01/02/2023

**MENTAL HEALTH SERVICES – NUQQAS TA' STAFF**

**5307. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx nuqqas ta' madwar 20% fl-istaff bħala infermiera fil-Mental Health Services?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 5306.

Seduta 84
01/02/2023

**SPTAR MOUNT CARMEL – VIŻTI MINN AWDITURI BIEX JASSESSJAW IL-KONDIZZJONIJIET TAL-ĦADDIEMA**

**5308. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex meta ssir viżta minn awdituri fl-Isptar Mount Carmel biex jassessjaw il-kondizzjonijiet tal-ħaddiema jkun hemm preżenti l-mexxejja tal-isptar u dan iwassal biex il-ħaddiema ma jkunux jistgħu jesprimu sew dak li jħossu?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi waqt żjarat mill-awdituri huwa meħtieġ li jkun hemm preżenti xi ħadt mill-management. Jekk xi ħadd mill-istaff jkun jixtieq jitkellem ma l-awdituri fil-privat, għandu kull possibbiltà li jagħmel dan mingħajr preżenza tal-management.

Seduta 84
01/02/2023

**MENTAL HEALTH SERICES – POŻIZZJONI TA' COMMUNICATIONS MANAGER**

**5309. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-pożizzjoni ta' Communications Manager fil-Mental Health Services għadhiex vakanti?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-pożizzjoni li semma hu għadha vakanti.

Seduta 84
01/02/2023

**ATTI LI MA ĠEWX INVISTATI JEW ARKIVJATI**

**5405. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jindika liema atti ta' liema snin u ta' liema nutara għadhom ma ġewx invistati u arkivjati mis-sena 1970 'il quddiem u x'passi qed jittieħdu biex dawn l-atti jinġabru?

19/01/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li permezz tal-artikolu 94Ċ (4) tal-Kapitlu 55 tal-Liġijiet ta' Malta, hemm stabbilit li sa mhux aktar tard mill-1/10/2024 iridu jinġabru l-volumi kollha ta' Atti Nutarili tan-Nutara kollha sabiex jiġu viżitati mill-Uffiċjali Reviżuri u li sussegwentament jiġu depożitati fl-Arkivju Nutarili Ewlieni. Sa issa l-provedimenti tal-artikolu 94Ċ (4) (i), (ii), (iii) u (iv) ġew pjenament osservati u l-volumi jinsabu fl-Arkivju Nutarili fl-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern. Mis-sena 1970 ħafna Nutara ddepożitaw l-Atti tagħhom fl-Arkivju Nutarili, iżda hemm oħrajn li għal xi raġuni ma ġewx iddepożitati. Kien għalhekk li ġiet emendata l-liġi li permezz tal-artikolu 94Ċ tal-Kapitlu 55 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi aċċertat li l-volumi

kollha jinġabru sas-sena 2024. Hemm ukoll lista onlajn (https://justice.gov.mt/mt/ntg/Pages/Notaries-Volumes-in-Archives.aspx) tal-Atti kollha tan-Nutara li jinsabu depożitati fl-Arkivju Nutarili.

Seduta 84
01/02/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – POSTIJIET ALLOKATI LIL PERSUNI SINGLE**

**5428. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4695, jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw postijiet bħala allokazzjoni tad-djar lil persuni li huma single, jiġifieri li mhumiex f'relazzjoni, mill-2013 sal-lum?

20/01/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-1 ta' Jannar 2013 sal-lum, l-Awtorità tad-Djar allokat 1989 proprjetà lil persuni single.

Seduta 84
01/02/2023

**MINA MIS-SWIEQI/PEMBROKE GĦAL PACEVILLE**

**5429. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4620 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3866, jista' l-Ministru jgħid fiex wasal l-istudju msemmi minnu f'din it-tweġiba? Jista' jgħid jekk hux informat li biex l-iżvilupp mill-kumpanija, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, iseħħ, l-Awtorità tal-Ippjanar għamlet din il-mina bħala kundizzjoni?

20/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li studji fuq l-akkwati għadhom għaddejjin. Fuq kundizzjonijiet marbuta ma' żviluppi partikolari, nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 84
01/02/2023

**E-SCOOTERS – PARKEĠĠ**

**5430. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4617, fejn ingħad li "qegħdin jitqiesu diversi tipi ta' parkeġġi", jista' l-Ministru jgħid jekk hux qiegħed jagħmel dan b'diskussjoni mal-Kunsilli Lokali, meqjusa bħala Gvern Lokali jew mar-Reġjuni?

20/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fuq dan is-suġġett saru diversi laqgħat kemm mal-operaturi stess, mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL) kif ukoll bdejna laqgħat mal-kunsilli lokali nfushom. Ma tal-aħħar hemm laqgħat diġà ppjanati, u oħrajn li għadhom iridu jiġu msejħa.

Seduta 84
01/02/2023

**E-SCOOTERS – LAQGĦA BEJN TRANSPORT MALTA U REĠJUN LVANT**

**5431. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4618, jista' l-Minsitru jgħid x'kien l-outcome ta' din il-laqgħa u jekk hux ser ikun hemm follow-up tagħha?

20/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li waqt il-laqgħa ġew diskussi ċertu proposti li qed jiġu evalwati flimkien ma' studju li qed issir.

Seduta 84
01/02/2023

**PEMBROKE/BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ – PJANIJIET GĦALL-WHITE ROCKS**

**5432. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3865 u 4619, li oriġinarjament saru lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u lill-Prim Ministru rispettivament, u jgħid x'inhuma l-pjanijiet għal dak li kien jissejjaħ 'White Rocks' ġewwa Pembroke/Baħar iċ-Ċagħaq? Għad hemm pjan ta' żvilupp?

20/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Kif jaf l-Onor. Interpellant is-sit tal-White Rocks hu kommess bi żvilupp u ż-żona fejn kien hemm il-kumpless issa ilha mitluqa għal ħafna snin.

Wara proċess pubbliku kompetittiv, fl-2016 kien intgħażel preferred bidder.

Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet biex il-proġett jimmaterjalizza, filwaqt li jirrifletti l-prijoritajiet li għandu l-pajjiż illum.

Seduta 84 a
01/02/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR - BORD TAL-ALLOKAZZJONIJIET - MEMBRI**

**5433. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4611, jista' l-Ministru jgħaddi dawn l-ismijiet separatament kif isir f'każi oħra fid-dawl li dawn huma persuni li qed jitħallsu b'mod pubbliku? Kemm huma l-membri u minn liema dipartimenti/kariga? Jista' jgħid kemm-il darba ltaqgħu u kemm dawn jitħallsu?

20/01/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Bord tal-Allokazzjonijiet tal-Postijiet tal-Gvern fi ħdan l-Awtorità tad-Djar iltaqa' 27 darba matul is-sena 2022. Il-membri tħallsu bir-rata ta' €75 kull laqgħa qabel it-taxxa.

Seduta 84
01/02/2023

**MCESD – RIŻULTAT TAL-ISTUDJU FUQ ID-DJALOGU SOĊJALI**

**5492. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għall-PR221775, jista' l-Prim Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra r-riżultat tal-istudju fuq id-Djalogu Soċjali ppreżentat lill-MCESD f'Diċembru 2022?

20/01/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li dak li qed titlob jinsab fuq is-sit elettroniku li dwaru għamlet numru ta' interpellanzi fl-aħħar xhur.

Qed inpoġġi wkoll l-istess dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 84
01/02/2023

**AWTORITÀ GĦALL-UŻU RESPONSABBLI TAL-KANNABIS – LIĊENZJI LIL NON-PROFIT ORGANISATIONS**

**5493. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4576 u ċjoè: B'referenza għal dak li hemm miktub fuq is-sit tal-Ministeru (homeaffairs.gov.mt) fis-sezzjoni Authority on the Responsible Use of Cannabis, issa li għaddiet sena mit-twaqqif ta' din l-Awtorità, jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu "regulations of licenses necessary to own a non-profit organisation for cannabis" u x'sar fuq "education on various levels"?

20/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis qed tipprepara l-linji gwida u r-regolamenti li jridu jiġu segwiti mill-assoċjazzjonijiet interessati. L-abbozz tal-linji gwida tlesta u proprju nhar il-Ġimgħa li għadda, 27 ta' Jannar ġie organiżżat "convention" sabiex ingħataw iżjed dettalji lill-assoċjazzjonijiet interessati u jittieħed feedback dwar l-abbozz imħejji. Infurmat li l-applikazzjonijiet se jibdew jiġu milqugħa fit-28 ta' Frar.

Seduta 84
01/02/2023

**AWTORITÀ DWAR L-UŻU RESPONSABBLI TAL-KANNABIS**

**5494. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4575 u ċjoè: B'referenza għal dak li hemm miktub fuq is-sit tal-Ministeru (homeaffairs.gov.mt) fis-sezzjoni Authority on the Responsible Use of Cannabis, issa li għaddiet sena mit-twaqqif ta' din l-Awtorità, jista' l-Ministru jgħid, x'għamlet s'issa l-Awtorità fuq dawn:
i. The Authority is presently in the phase of establishing an effective and efficient system that ensures the responsible use of cannabis?
ii. The Authority, whilst remaining steadfast in the approach of discouraging and delaying cannabis use, will through responsible and legal regulation allow restricted access to cannabis use by aspiring to advance the goals of public health and safety?

20/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-Awtorità għall-Użu Responsabbli tal-Kannabis ffirmat ftehim mal-Foundation for Social Welfare Services (FSWS) sabiex numru ta' professjonisti mill-aġenzija msemmija jwettqu kampanji ta' taħriġ u informazzjoni dwar riskji relatati mal-abbuż u l-użu tad-drogi, inkluż il-kannabis. Ukoll, infurmat li wettqet kampanja edukattiva permezz tas-social media li laħqet iżjed minn 200,000 persuna.

Seduta 84
01/02/2023

**IN-NAXXAR – TRIQ LELI FALZON - XOGĦLIJIET**

**5495. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3387, jista' l-Ministru jindika bejn wieħed u ieħor meta se jibda x-xogħol fuq l-imsemmija triq, u ċjoè: Triq Leli Falzon fin-Naxxar?

20/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għaddejja b'taħditiet mal-Kunsilli Lokali kollha biex isir pjan ta' toroq residenzjali li se jkunu qed isiru f'kull lokalità, inkluż fin-Naxxar, matul is-snin li ġejjin. Dawn id-diskussjonijiet għadhom ma ġewx konklużi.

Seduta 84
01/02/2023

**RAĦAL ĠDID – CASA SAN PAOLA –SODOD MIXTRIJA MILL-GVERN**

**5526. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm xtara sodod il-Gvern f'Casa San Paola, Raħal Ġdid sena b'sena minn meta daħal f'dan il-ftehim? Jista' jgħid ukoll b'liema rata qed iħallas illum għal kull sodda u wkoll b'liema rata qed titnaqqas il-pensjoni ta' dawn l-an zjani li qed jibbenefikaw minn din l-iskema?

23/01/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-ħlas dovut mill-anzjani li qed jibbenefikaw minn din l-iskema meta jidħlu fid-djar tal-anzjani huwa regolarizzat skont l-Avviż Legali 151 tas-sena 2018: ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318) - Regolamenti tal-2018 dwar Rati għal Servizzi Residenzjali Finanzjati mill-Istat. Kull persuna li ssir residenti ta' dan is-servizz residenzjali, meta/jew wara li daħlu b'effett dawn ir-regolamenti, u min qed jirċievi kura ta' livell 1, għandu jikkontribwixxi 60% minn kull pensjoni, għajnuna soċjali u bonus li jirċievi, nett mit-taxxa fuq l-income, u 60%, minn kull qligħ ieħor li jkun irċieva matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena li fiha l-istima ta' qligħ bħal dak issir għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, nett mit-taxxa fuq l-income.
Minkejja dan, il-kontribuzzjoni magħmula mir-resident ma tistax tkun tali li tħalli lir-resident b'anqas minn €1,397.62 fis-sena biex ikunu għad-dispożizzjoni tiegħu/tagħha.
L-informazzjoni l-oħra mitluba ma tistax tingħata minħabba li din hija kummerċjalment sensittiva.

Seduta 84
01/02/2023

**ĦAL QORMI – CASA PINTO –SODOD MIXTRIJA MILL-GVERN**

**5527. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm xtara sodod il-Gvern f'Casa Pinto, Ħal Qormi sena b'sena minn meta daħal f'dan il-ftehim? Jista' jgħid b'liema rata qed iħallas illum għal kull sodda u wkoll b'liema rata qed titnaqqas il-pensjoni ta' dawn l-anzjani li qed jibbenefikaw minn din l-iskema?

23/01/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-ħlas dovut mill-anzjani li qed jibbenefikaw minn din l-iskema meta jidħlu fid-djar tal-anzjani huwa regolarizzat skont l-Avviż Legali 151 tas-sena 2018: ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318) - Regolamenti tal-2018 dwar Rati għal Servizzi Residenzjali Finanzjati mill-Istat. Kull persuna li ssir residenti ta' dan is-servizz residenzjali, meta/jew wara li daħlu b'effett dawn ir-regolamenti, u min qed jirċievi kura ta' livell 1, għandu jikkontribwixxi 60% minn kull pensjoni, għajnuna soċjali u bonus li jirċievi, nett mit-taxxa fuq l-income, u 60%, minn kull qligħ ieħor li jkun irċieva matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena li fiha l-istima ta' qligħ bħal dak issir għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, nett mit-taxxa fuq l-income.
Minkejja dan, il-kontribuzzjoni magħmula mir-resident ma tistax tkun tali li tħalli lir-resident b'anqas minn €1,397.62 fis-sena biex ikunu għad-dispożizzjoni tiegħu/tagħha.
L-informazzjoni l-oħra mitluba ma tistax tingħata minħabba li din hija kummerċjalment sensittiva.

Seduta 84
01/02/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – CASA SERENA –SODOD MIXTRIJA MILL-GVERN**

**5528. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm xtara sodod il-Gvern f'Casa Serena, San Pawl il-Baħar sena b'sena minn meta daħal f'dan il-ftehim? Jista' jgħid b'liema rata qed iħallas illum għal kull sodda u wkoll b'liema rata qed titnaqqas il-pensjoni ta' dawn l-anzjani li qed jibbenefikaw minn din l-iskema?

23/01/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-ħlas dovut mill-anzjani li qed jibbenefikaw minn din l-iskema meta jidħlu fid-djar tal-anzjani huwa regolarizzat skont l-Avviż Legali 151 tas-sena 2018: ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318) - Regolamenti tal-2018 dwar Rati għal Servizzi Residenzjali Finanzjati mill-Istat. Kull

persuna li ssir residenti ta' dan is-servizz residenzjali, meta/jew wara li daħlu b'effett dawn ir-regolamenti, u min qed jirċievi kura ta' livell 1, għandu jikkontribwixxi 60% minn kull pensjoni, għajnuna soċjali u bonus li jirċievi, nett mit-taxxa fuq l-income, u 60%, minn kull qligħ ieħor li jkun irċieva matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena li fiha l-istima ta' qligħ bħal dak issir għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, nett mit-taxxa fuq l-income.
Minkejja dan, il-kontribuzzjoni magħmula mir-resident ma tistax tkun tali li tħalli lir-resident b'anqas minn €1,397.62 fis-sena biex ikunu għad-dispożizzjoni tiegħu/tagħha.
L-informazzjoni l-oħra mitluba ma tistax tingħata minħabba li din hija kummerċjalment sensittiva.

Seduta 84
01/02/2023

**MARSASCALA – ST THOMAS COMMUNITY LIVING –SODOD MIXTRIJA MILL-GVERN**

**5529. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm xtara sodod il-Gvern f'St Thomas Community Living, Marsascala sena b'sena minn meta daħal f'dan il-ftehim? Jista' jgħid b'liema rata qed iħallas illum għal kull sodda u wkoll b'liema rata qed titnaqqas il-pensjoni ta' dawn l-anzjani li qed jibbenefikaw minn din l-iskema?

23/01/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-ħlas dovut mill-anzjani li qed jibbenefikaw minn din l-iskema meta jidħlu fid-djar tal-anzjani huwa regolarizzat skont l-Avviż Legali 151 tas-sena 2018: ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318) - Regolamenti tal-2018 dwar Rati għal Servizzi Residenzjali Finanzjati mill-Istat. Kull persuna li ssir residenti ta' dan is-servizz residenzjali, meta/jew wara li daħlu b'effett dawn ir-regolamenti, u min qed jirċievi kura ta' livell 1, għandu jikkontribwixxi 60% minn kull pensjoni, għajnuna soċjali u bonus li jirċievi, nett mit-taxxa fuq l-income, u 60%, minn kull qligħ ieħor li jkun irċieva matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena li fiha l-istima ta' qligħ bħal dak issir għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, nett mit-taxxa fuq l-income.
Minkejja dan, il-kontribuzzjoni magħmula mir-resident ma tistax tkun tali li tħalli lir-resident b'anqas minn €1,397.62 fis-sena biex ikunu għad-dispożizzjoni tiegħu/tagħha.
L-informazzjoni l-oħra mitluba ma tistax tingħata minħabba li din hija kummerċjalment sensittiva.

Seduta 84
01/02/2023

**RABAT – VILLA MESSINA –SODOD MIXTRIJA MILL-GVERN**

**5530. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm xtara sodod il-Gvern f'Villa Messina, ir-Rabat sena b'sena minn meta daħal f'dan il-ftehim? Jista' jgħid b'liema rata qed iħallas illum għal kull sodda u wkoll b'liema rata qed titnaqqas il-pensjoni ta' dawn l-anzjani li qed jibbenefikaw minn din l-iskema?

23/01/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-ħlas dovut mill-anzjani li qed jibbenefikaw minn din l-iskema meta jidħlu fid-djar tal-anzjani huwa regolarizzat skont l-Avviż Legali 151 tas-sena 2018: ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318) - Regolamenti tal-2018 dwar Rati għal Servizzi Residenzjali Finanzjati mill-Istat. Kull persuna li ssir residenti ta' dan is-servizz residenzjali, meta/jew wara li daħlu b'effett dawn ir-regolamenti, u min qed jirċievi kura ta' livell 1, għandu jikkontribwixxi 60% minn kull pensjoni, għajnuna soċjali u bonus li jirċievi, nett mit-taxxa fuq l-income, u 60%, minn kull qligħ ieħor li jkun irċieva matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena li fiha l-istima ta' qligħ bħal dak issir għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, nett mit-taxxa fuq l-income.
Minkejja dan, il-kontribuzzjoni magħmula mir-resident ma tistax tkun tali li tħalli lir-resident b'anqas minn €1,397.62 fis-sena biex ikunu għad-dispożizzjoni tiegħu/tagħha.
L-informazzjoni l-oħra mitluba ma tistax tingħata minħabba li din hija kummerċjalment sensittiva.

Seduta 84
01/02/2023

**RABAT – ST ELIZABETH HOME –SODOD MIXTRIJA MILL-GVERN**

**5531. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm xtara sodod il-Gvern f'St Elizabeth Home, ir-Rabat sena b'sena minn meta daħal f'dan il-ftehim? Jista' jgħid ukoll b'liema rata qed iħallas illum għal kull sodda u wkoll b'liema rata qed titnaqqas il-pensjoni ta' dawn l-anzjani li qed jibbenefikaw minn din l-iskema?

23/01/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-ħlas dovut mill-anzjani li qed jibbenefikaw minn din l-iskema meta jidħlu fid-djar tal-anzjani huwa regolarizzat skont l-Avviż Legali 151 tas-sena 2018: ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318) - Regolamenti tal-2018 dwar Rati għal Servizzi Residenzjali Finanzjati mill-Istat. Kull persuna li ssir residenti ta' dan is-servizz residenzjali, meta/jew wara li daħlu b'effett dawn ir-regolamenti, u min qed jirċievi kura ta' livell 1, għandu jikkontribwixxi 60% minn kull pensjoni, għajnuna soċjali u bonus li jirċievi, nett mit-taxxa fuq l-income, u 60%, minn kull qligħ ieħor li jkun irċieva matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena li fiha l-istima ta' qligħ bħal dak issir għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, nett mit-taxxa fuq l-income.
Minkejja dan, il-kontribuzzjoni magħmula mir-resident ma tistax tkun tali li tħalli lir-resident b'anqas minn €1,397.62 fis-sena biex ikunu għad-dispożizzjoni tiegħu/tagħha.
L-informazzjoni l-oħra mitluba ma tistax tingħata minħabba li din hija kummerċjalment sensittiva.

Seduta 84
01/02/2023

**TRASPORT PUBBLIKU – SERVIZZ BEJN IL-FGURA U L-ISPTAR MATER DEI MONITERAĠĠ**

**5562. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3138, jista' l-Ministru jgħid x'ri¿ultat kien hemm minn dak il-monitoraġġ li wiegħed li ser isir? F'liema perjodu sar dak il-monitoraġġ? Fuq liema bus stops sar? Hemm il-ħsieb li wara dan il-monitoraġġ isir xi titjib fis-servizz?

23/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni neċessarja sabiex isir il-monitoraġġ qed tinġabar u qed isir studju fuq numru ta' rotot.

Seduta 84
01/02/2023

**PROĠETT TAL-FGURA ADVENTURE PARK**

**5563. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 3086 fejn staqsejt lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isports, iż-Żgħażagħ u l-Innovazzjoni dwar il-proġett tal-Fgura Adventure Park li kien ġie mħabbar u mwiegħed mill-Gvern lejliet l-elezzjoni tal-2017 u ċjoè fl-aħħar ta' Mejju 2017, peress li l-Ministru rrisponda li m'hemmx pjanijiet li dan il-proġett isir fil-Fgura, jista' l-Prim Ministru jikkonferma li dan il-proġett f'dak is-sit, li anke ssemma f'diversi estimi tal-budgets ġie skartat? Jista' jgħid jekk hemmx xi proġett ieħor maħsub għaż-żona indikata u ċjoè ż-żona ħdejn is-swar ta' Bormla, biswit il-ground tal-Fgura FC? Huwa ġust li r-residenti tal-Fgura jiġu ttrattati b'dan il-mod?

23/01/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Kif m'għandix dubju li taf l-Onor. Interpellanta, il-Gvern għaddej bl-ikbar proġett ta' investiment fi spazji miftuħa. Dan hu proġett li se jkun mifrux mal-pajjiż kif imwiegħed fil-manifest elettorali.
Għal aktar dettalji speċifiċi nistieden lill-Onor. Interpellanta tagħmel id-domanda tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 84
01/02/2023

**ĦAL TARXIEN – ĦSARAT FI TRIQ SAN TUMAS**

**5564. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 3221, jista' l-Ministru jgħid:
a. il-Kunsill Lokali għamilx inkjesta mal-awtoritajiet ikkonċernati sabiex din it-triq tinbena mill-ġdid? Jekk iva, meta saret din it-talba u x'kien l-eżitu ta' din it-talba; u
b. minn Ottubru 2022 sa Jannar 2023 x'interventi saru fuq din it-triq mill-Kunsill Lokali u kemm swew?

23/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien illi saret talba mill-Kunsill mal-awtorità kkonċernata sabiex l-imsemmija triq tinbena mill-ġdid u l-istess Kunsill kellu konferma verbali illi Triq San Tumas ser tinbena mill-gdid.

Kif ben konxja l-Onor. Interpellanta, il-bini mill-ġdid ta' toroq mhuwiex fil-kompetenza ta' Kunsill Lokali u għaldaqstant l-azzjoni li ħa l-kunsill kien li għamel it-talba appozita mal-awtorità kkonċernata.

Seduta 84
01/02/2023

**FGURA – TRIQ HOMPESCH U TRIQ ŻABBAR – ĊITAZZJONIJIET LIL VETTURI KUMMERĊJALI**

**5565. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 3349, jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw ċitazzjonijiet mill-Pulizija u l-LESA lill-vetturi kummerċjali li għaddew mit-toroq Hompesch/Żabbar fil-Fgura u ma kinux se jagħtu servizz fil-lokalità fix-xhur ta' Novembru u Diċembru 2022? Jista' jagħti din l-informazzjoni xahar b'xahar?

23/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi mis-sistema elettronika jidher illi ngħataw tliet taħrikiet mill-Pulizija u l-LESA fil-perjodu indikat mill-Onor. Membru bejn Novembru u Diċembru 2022 lill-vetturi kummerċjali li għaddew mit-toroq Hompesch/Żabbar fil-Fgura u ma kinux se jagħtu servizz fil-lokalità.

Seduta 84
01/02/2023

**DIRETTORAT TAL-GVERN LOKALI - BORD TAL-GVERNANZA**

**5566. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid min kienu l-membri li ffurmaw il-Bord tal-Governanza fid-Direttorat tal-Kunsilli Lokali għas-sena 2022? X'kienet ir-remunerazzjoni tal-membri għas-sena 2022?
Kemm-il darba ltaqgħu b'mod formali tul is-sena 2022 xahar b'xahar? Kemm daħlu każijiet ġodda tul is-sena 2022? Kemm każijiet ġew deċiżi tul is-sena 2022? Kemm kien hemm każijiet pendent fil-31 ta' Diċembru 2022 u kemm ilhom pendenti? Min ser ikunu l-membri tal-istess bord għas-sena 2023?

23/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-tagħrif jinġabar.

Seduta 84
01/02/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, L-ISPORT, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – ĦADDIEMA BIR-REMOTE WORKING**

**5585. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari jgħid jekk ħaddiema mas-

Segretarjat Parlamentari konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' remote working?

23/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mgħotija għall-mistoqsija parlamentari 5211.

Seduta 84
01/02/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, L-ISPORT, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – ĦADDIEMA BIT-TELEWORKING**

**5586. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari jgħid jekk ħaddiema mas-Segretarjat Parlamentari konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' teleworking?

23/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mgħotija għall-mistoqsija parlamentari 5211.

Seduta 84
01/02/2023

**INKJESTA PUBBLIKA DWAR MEWT TA' INDIVIDWU**

**5591. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk hux se tinħatar inkjesta pubblika dwar it-traġedja li wasslet għall-mewt ta' persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, nhar it-3 ta' Diċembru 2022?

24/01/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dwar dan il-każ qed tinżamm inkjesta maġisterjali mill-Maġistrat Inkwirenti u hemm ukoll l-investigazzjonijiet tal-awtoritajiet relevanti oħra.
Jekk tassew irridu ġustizzja, ix-xogħol ta' dawn l-istituzzjonijiet għandu jitħalla jsir f'serenità. Fl-istess ħin irrid nappellalhom biex jagħtu importanza massima lil dan il-każ, biex issir ġustizzja b'ċelerità mal-familja tal-vittma, fuq quddiem nett, u mas-soċjetà.

Seduta 84
01/02/2023

**GĦAJNSIELEM/NADUR - TRIQ SANT'ANTNIN/TRIQ L-IMĠARR - PAGAMENTI**

**5653. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru pagamenti fuq Triq l-Imġarr fin-Nadur u Triq Sant Antnin f'Għajnsielem sad-data meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Jista' jgħid kull pagament lil min sar u kemm kien u kif ukoll jgħid ta' liema xogħol kien dak il-pagament?

25/01/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tax-xogħlijiet li saru sa issa tħallsu €13,608,385.25 lil kumpanija li rebħet is-sejħa għall-offerti.

Seduta 84
01/02/2023

**IR-RABAT GĦAWDEX - TRIQ L-EWROPA - PIXXINA U SPORTS COMPLEX - PAGAMENTI**

**5654. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru pagamenti fuq il-pixxina u Sports Complex ta' Triq l-Ewropa fir-Rabat, Ghawdex sad-data meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Jista' jgħid kull pagament lil min sar u kemm kien u kif ukoll jgħid ta' liema xogħol kien dak il-pagament?

25/01/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħala nefqa fuq xogħol ta' kostruzzjoni saru €14,169,528.16 f'pagamenti, filwaqt li f'xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi saru €2,222,895.82 f'pagamenti lil kumpaniji rispettivi li kienu rebħu s-sejħa għall-offerti.

Seduta 84
01/02/2023

**TEATRU MANOEL – RAPPREŻENTAZZJONIJIET TAL-OPERA TOSCA MIT-TENUR JOSè CURA**

**5664. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm se jiġu jiswew l-erba' rappreżentazzjonijiet tal-Opera Tosca li se tkun diretta mit-Tenur Josè Cura u li kif ukoll se jkanta l-parti prinċipli ta' Cavaradossi bejn il-5 u t-12 ta' Marzu fit-Teatru Manoel?

25/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-ispiża bbaġittjata għall-Opera Tosca hija ta' €400,000, inkluża l-VAT, kif miftiehem bejn it-Teatru Manoel u l-Aġenzija Kulturali tal-Belt Valletta.

Seduta 84
01/02/2023

**GĦAWDEX - GĦASES TAL-PULIZIJA**

**5671. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm għases tal-Pulizija f'Għawdex u f'liema indirizz jinsabu dawn l-għases? Jista' jgħid matul dawn l-aħħar sitt xhur, kull għassa bħala medja, kemm-il siegħa fil-ġimgħa kienet miftuħa għall-pubbliku u b'uffiċjali tal-Pulizija ġo fiha?

25/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi preżentament Għawdex hemm ħmistax-il għassa tal-Pulizija li l-indirizzi tagħhom huma indikati fit-tabella ta' hawn taħt. L-għases prinċipali li jinfetħu erbgħa u għoxrin siegħa kuljum huma dawk ta' Victoria u Mġarr, filwaqt li dik ta' Marsalforn tinfetaħ regolarment meta l-esiġenzi jippermettu, u din l-għassa tintuża anke kontinwament mill-Pulizija tal-Komunità. Dik tax-Xlendi tiftaħ matul ix-xhur kollha tas-sajf, filwaqt li l-għassa tal-Marina ukoll tiftaħ kuljum mis-sebgħa ta' filgħodu sas-sitta u nofs ta' filgħaxija. L-Għassa tax-Xagħra bħalissa qiegħda taħt kostruzzjoni. Għases oħra jinfetħu skont l-esiġenzi tas-servizz u minħabba f'hekk id-dettalji dwar is-sigħat li dawn kienu miftuħa mhumiex disponibbli. Kif japrezza l-Onor. Membru, kull raħal f'Għawdex huwa kopert minn ronda regolari li ssir permezz ta' uffiċjali mill-Iskwadra Mobbli tad-Distrett kif ukoll dawk mill-Pulizija tal-Komunità. Dan barra li ma' ħafna minn dawn l-għases hemm stallata sistema elettronika li permezz tagħha l-pubbliku jkun jista' jikkomunka mal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija erbgħa u għoxrin siegħa kuljum.

| | |
|---|---|
| 1. | Victoria Police Station, Republic Street, Victoria |
| 2. | Mġarr Police Station - N.B. Triq ix-Xatt, Mġarr - Gozo |
| 3. | Xagħra Police Station - N.B Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xagħra (suġġetta għal xogħol ta' kostruzzjoni mill-Kunsill) |
| 4. | Nadur Police Station - 24, Pjazza San Pietru u San Pawl, Nadur |
| 5. | Marsalforn Police Station - 35, Triq Marina, Marsalforn |
| 6. | Xewkija Police Station - 85, Triq l-Indipendenza, Xewkija |
| 7. | Għarb Police Station - Ċentru Ċiviku , Triq il-Viżitazzjoni, Għarb (f'idejn il Kunsill - tista tintuża' meta meħtieġ) |

| | |
|---|---|
| 8. | Sannat Police Station – N.B Triq Sannat, Sannat |
| 9. | Xlendi Police Station – N.B Triq Sant'Indrija, Xlendi |
| 10. | Kerċem Police Station -Triq Sarg, Kerċem<br>(f'idejn il Kunsill - tista tintuża' meta meħtieġ) |
| 11. | Għajnsielem Police Station - 40, Triq Simirat, Għajnsielem |
| 12. | Qala Police Station - Local Council Bldg., Triq San Ġużepp, Qala |
| 13. | San Lawrenz Police Station - Pjazza San Lawrenz, San Lawrenz |
| 14. | Żebbuġ Police Station - Triq il-Knisja, Żebbuġ |
| 15. | Marina Office at Mġarr |

Seduta 84
01/02/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - PROĠETTI AMBJENTALI U INFRASTRUTTURALI**

**5672. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid xi proġetti ambjentali u infrastrutturali saru mill-Ministeru għal Għawdex matul is-sena 2022 ġewwa Kemmuna u kemm ġew jiswew? Jista' jgħid ukoll xi proġetti ambjentali u infrastrutturali hemm ippjanati li jsiru ġewwa Kemmuna matul is-sena 2023 mill-Ministeru tiegħu u fiex jikkonsistu?

25/01/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-2022 ma sar l-ebda proġett infrastrutturali.

Seduta 84
01/02/2023

**AGRICULTURE STORES/BASEMENT AGRICULTURE STORES - APPLIKAZZJONIJIET GĦAL BINI, SANZJONAR, BDIL TA' UŻU JEW ESTENSJONI**

**5673. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm applikazzjonijiet għal bini, sanzjonar, bdil ta' użu jew estensjoni ta' Agriculture Stores/Basement Agriculture Stores ġewwa Għawdex fl-aħħar ghaxar snin? Jista' jgħid kemm minn dawn l-applikazzjonijiet ġew approvati, kemm minnhom ġew rifjutati kemm minnhom huma sospiżi u kemm minnhom għadhom pendenti?

25/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġejt infurmat li bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-31 ta' Diċembru 2022 intlaqgħu 405 applikazzjoni kompluta għal żvilupp ta' bini, sanzjonar, bdil ta' użu għal jew estensjoni ta' mħażen għal skop agrikolu ġewwa Għawdex. Minn dawn, sas-26 ta' Jannar 2023, 250 ġew approvati, 33 ġew rifjutati, 33 oħra ġew irtirati, 7 deċiżjonijiet jinsabu sospiżi u 82 għadhom pendenti.

Seduta 84
01/02/2023

**MEDIĊINI BROLUCIZUMAB (BEOVU), AFLIBERCEPT (EYLEA) U/JEW RANIBIZUMAB (LUCENTIS)**

**5680. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 5474 u 1367, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-mediċini indikati daħlux fil-formolarju jew meta se jidħlu?

26/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-proċess sabiex mediċini tal-istess klassi bħal dawk imsemmija minnha jidħlu fuq il-formolarju tal-Gvern għadu għaddej.

Seduta 84
01/02/2023

**FORMOLARJU TAL-MEDIĊINI**

**5681. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5475, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija u jgħid kemm-il darba ġie aġġornat il-formolarju mill-2013 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija

26/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fuq il-formolarju isir tibdil regolari u jiġi aġġornat darba fix-xahar .

Seduta 84
01/02/2023

**GUDJA – TRIQ DE WARSBERGH - TISWIJA**

**5694. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jittieħdu passi biex Triq De Warsbergh fil-Gudja tiġi rranġata u jekk le, jista' jara li jiġi redatt pjan għaliex is-sitwazzjoni ta' din it-triq qed tikkawża tbatija lir-residenti?

26/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din it-triq qed isservi bħala devjazzjoni tat-traffiku minħabba l-proġett ta' madwar l-ajruport. Nikkonferma li din it-triq qiegħda fuq il-lista ta' prijorità tagħna biex jibdew ix-xogħlijiet fuqha malli jitlesta l-proġett tal-KTAIP.

Seduta 84
01/02/2023

**COMMUNITY WORK SCHEME - ĦADDIEMA**

**5695. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm ħaddiema jaħdmu taħt l-iskema tal-Community Work Scheme fis-snin 2020, 2021 u 2022 u kemm kull sena daħlu ħaddiema ġodda fl-istess?

26/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' ħaddiema li kienu jaħdmu taħt l-iskema tal-Community Work Scheme fis-snin 2020, 2021 u 2022 (figuri sal-aħħar ta' Diċembru) u kemm daħlu ġodda kull sena huma mniżżla fit-tabella t' hawn taħt:

| Sena | Numru ta' ħaddiema | Ħaddiema ġodda |
|---|---|---|
| **2020** | 1030 | 166 |
| **2021** | 981 | 31 |
| **2022** | 1155 | 240 |

Seduta 84
01/02/2023

**GUDJA – TRIQ DE WARSBERGH - TISWIJA**

**5696. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jittieħdu passi biex Triq De Warsbergh, fil-Gudja tiġi rranġata u jekk le, jista' jara li jiġi redatt pjan għaliex is-sitwazzjoni ta' din it-triq qed tikkawża tbatija lir-residenti?

26/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 84
01/02/2023

**GUDJA – TRIQ DE WARSBERGH - TISWIJA**

**5697. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jittieħdu passi biex Triq De Warsbergh, fil-Gudja tiġi rranġata u jekk le, jista' jara li jiġi redatt pjan għaliex is-sitwazzjoni ta' din it-triq qed tikkawża tbatija lir-residenti?

26/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 84
01/02/2023

**FGURA – TRIQ MATER BONI CONSIGLII - XOGĦLIJIET**

**5698. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex qed ikun hemm dan id-dewmien biex jiġi finalizzat ix-xogħol fuq Triq Mater Boni Consiglii, Fgura, peress li dan id-dewmien qiegħed jikkawża inkonvenjent lir-residenti?

26/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari numru 5551.

Seduta 84
01/02/2023

**FGURA – TRIQ MATER BONI CONSIGLII - XOGĦLIJIET**

**5699. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex qed ikun hemm dan id-dewmien biex jiġi finalizzat ix-xogħol fuq Triq Mater Boni Consiglii, Fgura, peress li dan id-dewmien qiegħed jikkawża inkonvenjent lir-residenti?

26/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari nru 2332.

Seduta 84
01/02/2023

**KUNTRATT SELMUN PALACE**

**5706. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jippubblika l-kuntratt bejn Selmun Palace Hotel Company Ltd u l-Gvern għat-trasferiment ta' Selmun Palace?

26/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt bejn Selmun Palace Hotel Company Ltd u l-Gvern għat-trasferiment ta' Selmun Palace.

Seduta 84
01/02/2023

**RESTAWR SELMUN PALACE**

**5707. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk bediex ix-xogħol ta' restawr f'Selmun Palace li kellu jibda sal-aħħar tas-sena 2022? Jekk iva, jista' jagħti rendikont tax-xogħol li sar u jagħti indikazzjoni ta' meta huwa previst li jitlesta? Jekk le, jista' jispjega għalfejn ix-xogħol ta' restawr għandu ma bediex?

26/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li filwaqt li l-permessi ġew approvati u s-sejħa għall-offerti ġiet abbozzata mid-Direttorat tar-Restawr, din qed tiġi amministrata mill-Ministeru kkonċernat.
Għaldaqstant informazzjoni dwar is-sejħa għall-offerti għandha tintalab lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 84
01/02/2023

**MATERJAL MORMI**

**5708. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk irċeviex rapporti jew informazzjoni dwar it-terrapien li ġie mormi u radam parti mill-wied bejn Triq il-Maltin Internati u Eżiljati u l-Imdina? Jista' jispjega x'azzjoni ħadet il-Planning Authority u/jew l-ERA?

26/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Ippjanar kienet diġà ħarġet avviżi ta' infurzar, u bdiet proċeduri t'azzjoni diretta biex jitneħħa ir-radam fil-31 ta' Jannar 2023. Liema azzjoni twaqqfet wara li l-Qorti laqgħet mandat ta' inibizzjoni kontra l-Awtorità.

Seduta 84
01/02/2023

**PROĠETTI TRIQ IL-MALTIN INTERNATI U EŻILJATI**

**5709. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Ministeru tagħha għandux ħsieb li jagħmel proġett fil-parti taħt it-Triq il-Maltin Internati u Eżiljati fejn bħalissa hemm ammont sostanzjali ta' materjal li radam parti mill-wied?

26/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li minn spezzjoni li saret minn Parks Malta ma nstab l-ebda radam ġewwa l-Wied ta' Ġnien Ħira, limiti tal-Imtarfa u r-Rabat, biswit it-Triq il-Maltin Internati u Eżiljati. Dan il-wied huwa wieħed mill-widien fejn huwa ppjanat li jsir tindif minn speċi aljeni u invażivi kif ukoll tħawil ta' siġar u arbuxelli indiġeni. Xogħol li huwa mistenni li jsir wara x-xhur tax-xitwa.

Jista' jkun li l-Onor. Interpellanta qed tirreferi għal xi materjal ieħor f'xi nħawi oħra u jekk iva tista' tindika fejn?

Seduta 84
01/02/2023

**GĦAWDEX - SPEZZJONIJIET FL-2022**

**5710. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet ta' infurzar mill-Awtorità tal-Artijiet f'Għawdex matul is-sena 2022, indikati xahar b'xahar u skont il-lokalità?

26/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar u t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 84
01/02/2023

**LANDS AUTHORITY - APPLIKAZZJONIJIET**

**5711. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni rċiviet l-Awtorità tal-Artijiet fl-aħħar għaxar snin? Kemm minn dawn għadhom pendenti?

26/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar u t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 84
01/02/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – SEGRETARJU PARLAMENTARI EWLIENI – VJAĠĠAR BARRA MINN MALTA**

**5716. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti lista ta' vjaġġar barra minn Malta li sar mis-Segretarju Permanenti Ewlieni mill-elezzjoni tal-2022 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija; inkluż il-pajjiż li fih saret iż-żjara, l-għan taż-żjara, id-dati taż-żjara u, f'kull każ, min kien qed jakkumpanja lis-Segretarju Permanenti Ewlieni?

27/01/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Bejn id-19 ta' April u t-22 ta' April, is-Segretarju Permanenti Ewlieni preċedenti attenda l-"Pre-opening of the 59th International Art Exhibition" f'Venezja akkumpanjat mill-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta.

Bejn l-10 u t-13 ta' Mejju żar il-Portugall fuq xogħol marbut ma' Heritage Malta fejn kien akkumpanjat minn persuna tal-istaff.

Is-Segretarju Permamenti Ewlieni kurrenti, li nħatar fl-ewwel ta' Ġunju, ma kellux xogħol barra l-pajjiż.

Seduta 84
01/02/2023

**DEFIĊIT TAL-PAJJIŻ**

**5720. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-defiċit ta' pajjiżna, xahar b'xahar, matul is-sena 2022?

27/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fl-istqarrijiet li jinħarġu mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika kull xahar.

Seduta 84
01/02/2023

**KUMPANIJA TAS-SERVIZZ TAT-TRASPORT PUBBLIKU – ĦLAS TA' SUSSIDJU**

**5721. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallas sussidju mill-Gvern lill-kumpanija privata li tħaddem is-servizz tat-trasport pubbliku, sena b'sena, mill-bidu tal-2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

27/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta li kienet ingħatatlu għall-mistoqsija numru 3683, jien infurmat li għas-sena sħiħa 2022 l-ammont ta' Public Service Obligation li tħallas kien ta' €37,819,594.36, waqt li sa Jannar li għadda l-ħlas kien jammonta għal €2,433,333.33.

Seduta 84
01/02/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - ANTI-HARASSMENT POLICY**

**5730. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' "Anti-Harassment Policy" (għal fuq il-post tax-xogħol) teżisti fi ħdan il-Ministeru kif ukoll fi ħdan kull aġenzija u/jew dipartiment li jaqa' taħt il-Ministeru tiegħu?

27/01/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 5724.

Seduta 84
01/02/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - ANTI-HARASSMENT POLICY**

**5731. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' "Anti-Harassment Policy" (għal fuq il-post tax-xogħol) teżisti fi ħdan il-Ministeru kif ukoll fi ħdan kull aġenzija u/jew dipartiment li jaqa' taħt dan il-Ministeru tiegħu?

27/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar u t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 84
01/02/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - ANTI-HARASSMENT POLICY**

**5732. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'tip ta' "Anti-Harassment Policy" (għal fuq il-post tax-xogħol) teżisti fi ħdan il-Ministeru kif ukoll fi ħdan kull aġenzija u/jew dipartiment li jaqa' taħt dan il-Ministeru tagħha?

27/01/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Waqt li ninforma lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 5724, qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra wkoll policies adottati minn entitajiet li jaqgħu taħt dan il-Ministeru.

Seduta 84
01/02/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - ANTI-HARASSMENT POLICY**

**5733. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' "Anti-Harassment Policy" (għal fuq il-post tax-xogħol) teżisti fi ħdan il-Ministeru kif ukoll fi ħdan kull aġenzija u/jew dipartiment li jaqa' taħt il-Ministeru tiegħu?

27/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għall-mistoqsija parlamentari 5724.

Seduta 84
01/02/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - ANTI-HARASSMENT POLICY**

**5734. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' "Anti-Harassment Policy" (għal fuq il-post tax-xogħol) teżisti fi ħdan il-Ministeru kif ukoll fi ħdan kull aġenzija u/jew dipartiment li jaqa' taħt dan il-Ministeru tiegħu?

27/01/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħaddiema taċ-Ċivil nirreferih għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 5724. Min-naħa l-oħra, l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għal Għawdex għandhom policies speċifiċi rigwad anti-harassment policy. Il-linji gwida tal-GRDA huma stabbiliti fil-*Gender Equality Policy*, filwaqt li l-Gozo Channel għandha *Grievance Policy* ġenerika fil-ftehim kollettiv li tkopri u tħares l-interessi tal-ħaddiema meta jkun hemm kwalukwe każ ta' lment. Dan apparti li l-kumpanija timxi wkoll fuq linji gwida kif stabbilit fil-PSMC. Id-dokumenti rispettivi taż-żewġ entitajiet qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 84
01/02/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - ANTI-HARASSMENT POLICY**

**5735. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' "Anti-Harassment Policy" (għal fuq il-post tax-xogħol) teżisti fi ħdan il-Ministeru kif ukoll fi ħdan kull aġenzija u/jew dipartiment li jaqa' taħt dan il-Ministeru tiegħu?

27/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għall-Mistoqsija Parlamentari 5724. Fir-rigward tal-entitajiet fi ħdan l-istess dekasteru, infurmat li wħud mill-entitajiet jagħmlu użu mid-dokument riferut fit-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 5724 u oħrajn għandhom policy interna.

Seduta 84
01/02/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ TONI BAJADA - BOZZA MWAĦĦLA MA' FAĊĊATA TA' PROPRJETÀ**

**5752. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari 5005 u 5189 rigward bozza mitfija fi Triq Toni Bajada, San Pawl il-Baħar, jista' l-Ministru jara li din l-aħħar bozza fit-triq imsemmija (in-naħa ta' Triq il-Knisja) hekk kif diġà ssemma f'mistoqsija parlamentari 5005, u li ritratt tagħha qed jingħata separatament, tibda tixgħel mill-aktar fis hekk kif għadha mitfija sal-ġurnata li fiha qiegħda ssir din il-mistoqsija parlamentari?

27/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li l-istess Kunsill għamel il-verifiki tiegħu u infurma lill-entità kkonċernata sabiex tittieħed azzjoni.

Intant infurmat ukoll mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi l-aħjar mod sabiex jiġu indirizzati l-ilmenti fl-iqsar żmien u bl-aktar mod 'resource efficient' huwa billi wieħed jilloġġja lment direttament mal-Kunsilli Lokali fejn tittieħed azzjoni opportuna minnufih.

Seduta 84
01/02/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ MARCHESA - BOZZA MWAĦĦLA MAL-FAĊĊATA TA' PROPRJETÀ**

**5753. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-mistoqsijiet parlamentari 5006 u 5188 jista' l-Ministru jieħu l-azzjoni neċessarja biex il-bozza fi Triq Marchesa Bugeja, San Pawl il-Baħar terġa' tixgħel hekk kif sal-ġurnata li fiha qiegħda ssir din il-mistoqsija parlamentari, din il-bozza baqgħet ma tixgħelx għalkemm fit-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet ġejt infurmata li l-Kunsill Lokali indirizza din il-kwistjoni mal-entità kkonċernata, li l-lampi kollha reġistrati mal-Enemalta f'din it-triq huma kollha tal-Kunsill Lokali u li l-Enemalta m'għandha l-ebda talba pendenti dwar id-dawl pubbliku f'din it-triq?

27/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi fi Triq il-Markiża Bugeja kien hemm rapport dwar:
a. Lampa mitfija W460/55 li tinsab faċċata tar-residenzi 19/21. Infurmat li saret il-manutenzjoni u l-każ meqjus mill-Kunsill Lokali li huwa magħluq.

b. Lampa mitfija W672/55 li tinsab viċin ir-residenza Carmen. Infurmat mill-Kunsill Lokali illi din ġiet mgħoddija lill-Kuntrattur tal-Kunsill, nhar il-31 ta' Jannar 2023, fejn il-manutenzjoni hija ppjanata li ssir għad-data tat-2 ta' Frar 2023.

Intant infurmat ukoll mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar illi l-aħjar mod sabiex jiġu indirizzati l-ilmenti fl-iqsar żmien u bl-aktar mod 'resource efficient' huwa billi wieħed jilloġġja lment direttament mal-Kunsilli Lokali fejn tittieħed azzjoni opportuna minnufih.

Seduta 84
01/02/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ MARCHESA - BOZZA MWAĦĦLA MAL-FAĊĊATA TA' PROPRJETÀ**

**5754. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għall-mistoqsijiet parlamentari 5006 u 5188, tista' l-Ministru tieħu l-azzjoni neċessarja biex il-bozza fi Triq Marchesa Bugeja, San Pawl il-Baħar terġa’ tixgħel hekk kif sal-ġurnata li fiha qegħda ssir din il-mistoqsija parlamentari din il-bozza baqgħet ma tixgħelx għalkemm fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5006 ġejt infurmata li l-Kunsill Lokali indirizza din il-kwistjoni mal-entità kkonċernata filwaqt li fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5188 fejn infurmata li l-Enemalta m’għandha l-ebda talba pendenti dwar id-dawl pubbliku f’din it-triq?

27/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li mill-investigazzjonijiet li saru mill-Enemalta jirriżulta li l-lampa li qed tirreferi għaliha, skont ir-rekords tal-Enemalta ma tinsabx fi Triq Marchese Bugeja iżda fi Triq il-Paċi. Ittieħdu l-passi biex din tiġi rranġata.

Seduta 84
01/02/2023